# Gramma Grammatika

*biex il-Malti niktbuh ta' nies!*

# IN-NOM ASTRATT




In-**Nom Astratt** jirreferi għal dawk il-kwalitajiet u/jew virtujiet jew vizzji li ma tistax taqbadhom b'idejk iżda tarahom f'persuni u f'oġġetti. Dawn jitnisslu jew minn aġġettivi jew inkella min-nomi oħra.

**Eż.** ***Aġġ.:*** sabiħ = **sbuħija** / abjad = **bjuda** / tajjeb = **tjubija**;
***Nom:*** tifel = **tfulija** / żagħżugħ = **żgħożija** / xiħ = **xjuħija**;
***Oħrajn:*** indafa, intelliġenza, ferħ, qdusija, niket.






xeħħa



kuraġġ



ħlewwa

rtubija

lehhilmalti@gmail.com **LEĦĦ IL-MALTI** lehhilmalti@gmail.com

## REKLAMI ANTIKI



FIAT

Cul min irit jixtri automobili fina, sabieħa u ma tintemm katt għandu jagħżel F I A T li għanda lisbaħ fama mad-dinja collha.

Haun carrozzi F I A T giò Malta li ilhom jaħdmu 18 il sena; din ħia l'isbaħ prova tat-tiubija u durabilità.

Prezziet min £185 il fuk.

Il Fiat huma l'unici carrozzi garantiti bis-serietà u m'hux bil cliem biss.

MUSCAT
14, 15, Strada Reale.



IX-XORB TAL FAMILJA GHAS-SAHHA

Ma cull icla "Ovaltine" ghandu icun ix-xorb dejjem. Dan hu tas-saħħa ghall cull ŭieħed fill familja. M'hemmx xorb iħor li iħennich bit-tgħoma taiba tiegħu igħaddi malajr mill'istoncu, isostnich u jati is-saħħa daksu. "Ovaltine" hu collhu chemm hu ichel complit u perfett, fieħ f'qŭantitajit seŭŭa, il protejini collha (sustanzi jixbħu l'abjad tal bajd li jirrinforzaŭ id-demm u izidu il-laħam), grassijit, idro-carburi (zoccor sustanzius), u vitamini li huma daŭc il ħŭejjeġ illi ix-xienza sabet li huma meħtiegia għas-saħħa. Hu mgħamul minn ħalib sustanzius, kaŭŭi fill crema, minn estratt tax-xgħejr, bajd u imħaŭŭar bill cocotina. Daŭn flimchien jakdu l'ichel l'iżjed sustanzius tan-natura. Chiccra ŭaħda "Ovaltine" fiha ŭisk iżjed sustanza minn tliet bajdiet jeŭ tnax il chiccra biftin.
"Ovaltine" hu prodott inglis maħdum min xoghol inglis.

OVALTINE
TONIC FOOD BEVERAGE

Builds-up Brain, Nerve and Body

*Jimbiek f'l'istorijit u l'ispiżerriji, collha*

Depositi: l'Original English Dispensary kuddiem l'arloġġ ta San Għann, il Belt.

Meta tixtru jeŭ tictbu ghall'oggetti li haŭn avżati semmu il Pronosten.

leħħ il-Malti
nitgħallmu u nikbru flimkien fit-tagħlim tal-lingwa Maltija

**Folja elettronika b'tagħrif lingwistiku, ortografiku, grammatikali u kulturali dwar il-lingwa Maltija maħruġa mid-Dipartiment tal-Malti fi ħdan il-Kulleġġ San Injazju sabiex il-lingwa tagħna tingħata l-valur li jistħoqqilha. Kull suġġeriment u/jew diffikultà huma ġentilment milqugħa fuq *lehhilmalti@gmail.com***